# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLI A LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 361/98mm**

**Aaron Dimech**

**vs**

**Joseph Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fl-24 ta' Frar 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm260.15c) rappresentanti d-danni u hsarat lilu kkagonati fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Awissu 1997 f'St' Andrew's Road, San Giljan bejn il-vettura tal-ghamla 'Mini Minor' bin-numru tar-registrazzjoni LAH 395 misjuqa mill-attur, u l-vettura tal-ghamla 'Mazda' bin-numru tar-registrazzjoni KAD 241,

misjuqa mill-konvenut, prevja dikjarazzjoni illi tali ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan il-kawza ma garax tort u htija tieghu billi huwa meta mexa l'quddiem minn wara lis-Stop Sign (fejn kien waqaf ghal kollox) ma kienx gej traffiku. Kien wara li kien mexa xi erbghin (40)pied il-quddiem li ra lill-attur gej minn wara il-kisra, hekk kif ra hekk, huwa waqaf b'mod illi l-attur setgha jghaddi facilment jew minn quddiemu jew minn warajh - l-attur minn flok ma' ghamel hekk ghafas il-brake u donnu tilef il-kontroll tal-vettura tieghu bir-rizultat li baqa diehel fil-vettura tal-eccipjenti.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-attur l-ebda ammont ma huwa dovut lilu in linea ta' danni, liema danni kif pretizi huma f'kwalunkwe kaz ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident li gara fit-23 ta' Awissu 1997 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu fil-junction li hemm bejn St Andrew's Road, Elia Zammit Street u St Augustine Street, St Julians. F'dan l-inkrocju sfortunatament isiru diversi ncidenti u kollha ghandhom l-istess svolta fejn karozza tohrog minn St Augustin Street u ohra li tkun hierga minn Regional Road jahbtu hekk kif jaslu f'dan l-inkrocju.

Irrizulta mill-provi illi l-attur kien qed isuq il-karozza Mini LAH 395 gej mid-direzzjoni ta' Regional Road, waqt li l-konvenut kien hiereg minn wara l-Stop Sign illi hemm f'St Augustin Street. L-attur ighid illi ra l-karozza tal-konvenut hierga minn wara l-Stop Sign izda peress illi kellu d-dritta dana baqa ghaddej u meta nduna illi l-konvenut kien ser jibqa hiereg xorta wahda, ghafas il-brake izda kien tard wisq u sar l-incident. Minn nahha l-ohra l-konvenut ighid li huwa waqaf fuq l-Stop Sign u beda hiereg bil-

mod izda ma setghax jara l-karozza ta' l-attur tavvicina minhabba l-kisra li hemm fuq il-pont illi eventwalment jaghti ghal Regional Road. Induna bil-prezenza tal-karozza ta' l-attur tard wisq biex jevita l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi l-operat tal-konvenut f'dan l-incident ghandu jigi ccensurat. Veru illi fit-tarf ta' St Augustin Street hemm Stop Sign u jista jkun illi l-konvenut waqaf hemm hekk. Kien fid-dover illi johrog minn wara l-Stop Sign bil-mod u jesplora t-triq huwa u hiereg fejn il-viswali lejn il-lemin tul Regional Road kellha tkun hafna ahjar. Hekk kif induna bil-karozza l-ohra ta' l-attur tavvicina jmessu waqaf biex ihalli din il-karozza tghaddi peress illi d-dritta kienet taghha. Dana ma ghamlux u b'hekk sar l-incident. L-attur minn nahha l-ohra jghid li huwa nduna bil-karozza tal-konvenut hierga minn wara l-Stop Sign u peress illi kellu d-dritta haseb illi dina ser iccedilu. L-attur kellu dritt jirraguna b'dan il-mod peress illi d-dritta kienet tieghu ghax hu kien ser isuq ghad-dritt. Ma kien ser ifixkel lil hadd, u ma kienx sejjer jaqsam karreggjati kif kien qed jaghmel il-konvenut. Il-konvenut ma jistax igib l-iskuza illi huwa ma ndunax bil-presenza ta' l-attur minnhabba l-kisra li hemm fit-triq. Kif diga

nghad fil-posizzjoni fejn gara l-incident il-viswali tieghu kienet tkun hafna ahjar milli kieku baqa wara l-Stop Sign u minn hemmhekk setgha jara l-karozza ta' l-attur tavvicina. Kien fid-dover allura illi huwa jwaqqaf il-karozza tieghu jew inaqqas il-velocita' sabiex l-attur ikun jista jghaddi minn quddiemu minghajr xkiel. Dana ma ghamlux u mhux skuza illi jghid illi ma ndunax bil-presenza tal-karozza ta' l-attur. Evidentement hawnhekk il-konvenut naqas peress illi ma zammx 'a proper look out' u ma tax precedenzi ghal min kien qieghed juza t-toroq principali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu jwiegeb ghal dan l-incident u peress li huwa kien il-kawza principali taghha. Ghal dawk li huma d-danni ma jidhrux li huma kontestati u t-talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara f'St'Andrews Road, San Giljan fit-23 ta' Awissu 1997 bejn il-karozza 'Mini Minor' bin-numru tar-registrazzjoni LAH 395 misjuqa mill-attur, u l-karozza

'Mazda' bin-numru tar-registrazzjoni KAD 241, misjuqa mill-istess konvenut, dana peress illi tali ncident sehh unikament tort tal-istess konvenut minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' mitejn u sittin lira u hmistax-il centezmi (Lm260.15c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont likwidat lill-attur bl-ispejjez u l-interessi legali mill-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-istess konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg